# ĦOLM!

—Ċoma, ċoma għal rasi—għajjat Ċikku.

—Ċoma, ċoma—wieġbu flimkien xi għoxrin tifel u wieħed wara l-ieħor, min waħdu min id f'id ma' sieħbu qabżu lkoll il-baħar ħfief u ferħana.

Jiena, mitfugħ, bl-Istorja ta' Vassall f'idejja, fuq bank innaħa tas-Sirena, qgħadt nitgħaxxaq narahom jitlegħbu fl-ilma, jaqbżu fuq xulxin u jatu l-majnati wieħed lill-ieħor. Xtaqtni f'nofshom, tifel bħalhom f'ruħi u f'ġismi, ħieles minn kull ħsieb li jmarrad u joqtol.

Il-ktieb, bla ma naf kif, waqa' magħluq fuq irkoptejja u, mirbuħ minn hena ħafif, li ma nafx infisser, bdejt noħlom. Ħlomt b'għajnejja miftuħa u l-ħolm li ġieni dak il-ħin għadu jhennini sal-lum. Kien ħolm iż-żgħożija li tfittex għatxiena is-sabiħ u t-tajjeb u titgħaxxaq bis-saħħa u l-ferħ.

* * *

Deherli li x-xtut u ż-żewġ għoljiet ta' l-Isla kienu miksija għal kollox b'masġar sabiħ u fit-tarf ta' ilsien l-art stħajjiltni nara, kif fil-qedem kienu jaraw u jitgħaxxqu misserijieti, l-imtieħen iduru ħafifa mal-fewġa tar-riħ.

Mix-xatt ta' San Lawrenz tal-Birgu telqet qatgħa dgħajjes imgħobbija bi rħieb ta' San Ġwann. Daħkana, b'nofs ċajta għadha fuq fommhom u b'qalbhom mimlija bit-tama li jkollhom qabda sabiħa, ir-rħieb niżlu ħdejn il-knisja żgħira ta' San Ġiljan, li kienet moħbija qalb iż-żebbuġ u siġar oħra. Kienu x'aktarx żgħażagħ, ilkoll ferrieħa u fuq ruħhom. Imdawra bil-klieb u maħżuma bil-barżakki kienu jidhru mħejjija għall-kaċċa.

Wieħed wara l-ieħor daħlu fil-knisja żgħira tal-kaċċatur qaddis biex jiżżuħajr ta' kemm-il-darba ħarishom u jitolbuh igħinhom f'dak il-jum. U ħarġu u għibu fil-qalba tal-masġar.

Tlifthom... 'ma f'widnejja baqa' jidwi leħenhom ferrieħi, u

fi ħbub għajnejja baqgħet taqbeż xbiħiethom godlija. Tliftħom .....'ma għal ħin wieħed. Minn wara l-imtieħen deħru ġejjin mill-Ġdid. Kienu għajjiena, il-għajjat ta' qabel intefa u għalkemm fuq fommhom rajt kemm-il-darba xi tbissima imma d-daħk ta' qabel kien ħemed.

Issa jieqfu taħt iż-żebbuġ, issa kemm kemm jitħarrku ż-żgħażagħ kaċċaturi baqgħu niżlin in-naħa tas-Sirena u daħlu f'dar kbira, fejn kellhom tistenniehom mitt barka t'Alla. U strieħu u kielu u xorbu. Saħħithom ġiet f'sikkitha u ferħu ........

................................................

—Għalina, rġiel—għajjat bħal barra minnu n-nifsu l-kmandant.

—Hawn aħna—wieġbu għalenija rġiel, nisa u tfal. U fejn qabel deherli kont nara żgħażagħ jiġġerrew għall-kaċċa, rajtu miżgħud b'nies bejn imwerwra u bejn ferħana, ilkoll qalbiena u mħejjija għal taqtigħa ħarxa.

Għas-swar ! Għal San Mikiel !—tenna jgħajjat il-kmandant U n-nies inqasmet u tferrxet biċċa fuk is-swar u biċċa mattorri. Il-għajjat żdied u mal-għajjat issieħeb id-damdim tal-kanuni, il-krib u l-biki. L-irġiel issieltu u tqabdu, in-nisa tefgħu fuq il-Mislem kemm-il-ċirku biż-żift imqabbad, it-tfal newwlu u waddbu fuq il-għadu xita ta' ġebel. It-taqtigħa kienet ħarxa, il-qawwa tal-għadu kienet kbira, imma l-ħila u l-imħabba ta' misserijietna għal arthom kienet aqwa.

Id-demm beda jċarċar fuk is-swar u mat-torri, bosta waqgħu mejta, bosta warrbu mġerrħa. Imma t-taqtigħa ma qatgħetx....

—Irbaħna ! Irbaħna !—Għajjat fl-aħħar il-kmandant—Irbaħna !—tenniet il-ġemgħa. U l-mislem jidgħi tbiegħed u nħeba u l-Maltin taw ħajr l'Alla ferħana ..................

................................................

Il-qampiena fostanija mill-kampnar tal-Vitorja ħabbret ta' l-imwiet. Ġemgħa nies miġbura għad-dawl ta' qamar f'bieb ta' ħanut, ma' ġenb il-ġibjun li kien miftuħ ħdejn il-knisja, qamet raddet is-salib u talbet. It-talb waqaf u n-nies mill-Ġdid intasbet min fuq bank, min fuq il-qiegħa tal-art u tefgħet ħar-

sitha lejn xwejjaħ li kien f'nofsha jħarref fuq li ġara lilu u lil għajru, ma' tul ħajtu u qabel.

Fuq il-ġibjun resqet kemm il-xbejba ħalli timla l-ilma u waqt li s-satal żifen u qabeż kemm felaħ u l-ilma, imbewwes mill-qamar, inxtered sabiħ bħal fidda, ix-xbejbiet rawħa ħaġa xierqa jgħaddu kelma jew jagħmżu liż-żgħażagħ miġbura ma' dwar ix-xiħ.

Ix-xiħ madankollu baqa' jħarref. Semma aktarx lil Ġaħan, tkellem fuq il-qlubija tas-Sultan fit-Taqtigħa l-Kbira u waqa' fuq il-praspar ta' sħabu. Iż-żgħażagħ u r-rġiel baqgħu jisimgħu b'għajnejhom imberrqa. F'daqqa waħda x-xwejjaħ waqaf jissamma, l-oħrajn qamu u ħarsu fil-bogħod. Min-naħa tas-sur instama' ġej lejn il-knisja d-daqq ta' kitarra msieħeb mal-għana. Ix-xiħ u sħabu stennew bis-sabar sakemm id-daqq wasal ħdejhom.

Ġemgħa mhux iżgħar kienet miexja wara l-għannej. Il-għanja kienet ħelwa, ħierġa minn qalb żagħżugħ miġnun bl-imħabba. Donnha riedet tinxtered fuq il-belt, tinfirex fuq il-baħar jew tittajjar lejn is-sema ħalli jkollha għall-anqas tweġiba mill-qamar la darba ma setgħetx tisraq qalb ta' bniedma.

Ħbieb il-għannej malli waslu quddiem il-ħanut raddew is-sliem lil sħab ix-xwejjaħ u ngħaqdu magħhom. U x-xiħ mill-ġdid beda jħarref fuq nies li mietu u żmenijiet li għaddew, waqt li ż-żagħżugħ għannej biex bħallikieku jserrħu u jserraħ ukoll lil qalbu issa u mbagħad kien isamma lill-gemgħa għanjietu ħelwin. U hekk ilkoll għalenija għaddew iż-żmien ġmielu jħarrfu, jgħannu u jixorbu ferħana.

*
* *

—Ċoma, ċoma għal rasi—għajjat Ċikku.

—Ċoma, ċoma—tennew it-tfal għalenija u qabżu l-baħar flimkien. L-ilma tela' mħawwad, b'mitt żifna u nxteħet f'elf qatra fil-baħar u fuqi. Ir-raxx deħexni u qomt.

A. I.